# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Ottubru, 2001 .

## Avviz numru : 40/01GT(GM)

**Carmel Attard .**

**VS**

**Anthony Borg .**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Illi l-attur jiggestixxi negozju ta' bejgh bl-ingrossa ta' laham .**

**Illi l-konvenut xtara minghandu f'diversi okkazjonijiet diversi kwantitajiet ta' laham .**

**Illi ghadha dovuta mill-konvenut is-somma ta' tmien mija u tmienja u disghin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm898.51c) .**

**Illi ghalkemm interpellat diversi drabi l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas dan il-bilanc .**

**Illi l-attur qed jitlob li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jhallas dan il-bilanc flimkien mal-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma' l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u tal-ittra ufficjali spedita f'Lulju 2001 u ta' l-ittri interpellatorji datati 26 ta' April, 2001 u 2 ta' Mejju, 2001 .**

**Ra r-riferta pozittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat, izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fil-25 ta' Ottubru, 2001 u dik tal-lum ;**

**Semgha d-depozizzjoni guramentata ta' l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut .**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur u ghal hekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' tmien mija u tmienja u disghin lira maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm898.51c), bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali ta' Lulju 2001, sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-avukat li assista lill-attur quddiem dan it-Tribunal, dawk tal-ittra ufficjali, u l-ittri interpellatorji msemmija fl-avviz tat-talba, a karigu tal-konvenut .**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur .**

**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
S4001GtGm
314